# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Lokalita' 2026**

Data: L-Erbgħa 8 ta' April, 2026

Ħin: 17:30 hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| Skużat/i: | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Sa Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**LAQGĦA TAL-LOKALITA'**

Il-laqgħa bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

Is-Sindku beda jaqra r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2025 u qal li fil-ktejjeb, apparti dan ir-rapport wieħed jista jsib ir-rapporti ta' ħidma ta' uħud mill-Kunsilliera li twettqet fis-sena 2025, kif ukoll rapport finanzjarju. Dan ir-rapport hu xhieda ta' kemm il-Kunsill hu attiv u kemm isir xogħol mill-ftit ħaddiema li għandu l-Kunsill.

Is-Sindku stieden lill-pubbliku sabiex iressqu l-mistoqsijiet tagħhom. Għaldaqstant, is-Sindku stieden lis-Sa Janet Buttigieg, is-Sur Eric Gatt, is-Sa Mariella Deguara u s-Sa Gabriella Spiteri Atkins sabiex jagħmlu l-intervent tagħhom, fejn għamlu xi ilmenti u suġġerimenti. Is-Sa Deguara qalet li tixtieq titkellem rigward is-sejba punika u Triq Kent, filwaqt li s-Sa Buttigieg semmiet Triq Mater Boni Consili. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġiet approvata mozzjoni sabiex il-Kunsill joġġezzjona għall-permess PA/00650/24 jekk il-pjanti ma jaqblux, però f'każ li l-pjanti li hemm sottomessi l-Planning Authority huma l-istess pjanti li kien qabel magħhom il-Kunsill, il-mozzjoni tiġi rtirata.

Rigward is-sejbiet puniċi, is-Sindku staqsa lill-Kuns M Lombardo jekk dawn għadhomx hemm. Il-Kuns M Lombardo qal li meta nstabu l-affarijiet, dawn ittieħdu l-Belt. Is-Sindku staqsa lir-residenti jekk minn naħa tagħhom daħħlux oġġezzjoni, fejn huma wieġbu li ser idaħħlu l-oġġezzjoni. Is-Sindku qal li aktar ma jiddaħħlu oġġezzjonijiet aktar aħjar. Is-Sindku staqsa meta ser jiskadi iż-żmien għall-oġġezzjoni, fejn ir-residenti wieġbu fis-17 ta' April 2026. Is-Sa Spiteri Atkins qalet li pruvat tfittex il-pjanti onlajn. Is-Sa Deguara qalet li l-pjanti ma setgħetx tarahom peress li perit biss jista jarahom u m'humiex aċċessibbli onlajn. Is-Sur Gatt staqsa jekk il-Kunsill jistax iqabbad perit jieħu kopja ta' dawn il-pjanti, fejn għal dan is-Sindku wieġeb li l-Kunsill diġa għamel hekk. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma ġiex notifikat.

Is-Sur Gatt qal li kien hemm membru tal-Kunsill li l-pjanti li kien hemm kien rahom. Is-Sindku qal li kien hemm Kunsilliera li raw il-pjanti, pero hu ma kienx rahom peress li kien għadu Viċi Sindku u ma kienx parti mill-bord tal-Planning. Il-Kuns M Lombardo qal li l-pjanti oriġinali kienu rawhom imma issa nbidlu. Is-Sindku qal li dawn inbidlu mhux bi pressjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku kompla billi qal li ser jiġu mfittxija l-pjanti l-antiki u staqsa lir-residenti jekk tkellmux ma' Din l-Art Ħelwa u xi NGOs. Is-Sur Gatt qal li kellhom ftehim ma' membru tal-Kunsill fejn iffirmawlu li jista jitkellem f'isimhom qabel kienet saret l-elezzjoni. Is-Sindku talbu biex isemmi min hu u s-Sur Gatt qal li dan huwa l-Viċi Sindku. Is-Sindku wieġeb li l-Viċi Sindku mhux preżenti fil-laqgħa u għaldaqstant għandu jikkuntattjah u jsaqsieh rigward dan il-ftehim.

Is-Sindku qal lir-residenti sabiex javviċinaw lill-NGOs u jkellmu lil Din l-Art Ħelwa u lil Moviment Graffitti, għax huma b'saħħithom u jistgħu joġġezzjonaw. Is-Sindku qalilhom ukoll li għandhom joġġezzjonaw huma stess. Is-Sur Gatt

staqsa x'kienet ir-raġuni li l-pjanti nbiddlu, fejn is-Sindku wieġeb li r-raġuni kienet id-diskussjoni mal-Kunsill Lokali. Il-Kuns M Lombardo qal li sakemm il-Planning Authority għadha ma approvatx il-permess, is-sid jista jibdel il-pjanti imma finalment iridu jiġu approvati mill-Planning Authority. Il-Kuns M Lombardo żied jgħid li l-pjanti jinbidlu ta' spiss u għandhom kull dritt jibdluhom, però l-Planning Authority trid tapprovahom. Il-Kuns R Deguara qal li anke waqt il-proċess jistgħu jagħmlu addenda u jbiddlu xi ħaġa waqt li jkun tiela l-bini.

Is-Sindku staqsa lir-residenti jekk għandhomx aktar mistoqsijiet jew suġġerimenti. Is-Sa Buttigieg staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa rigward il-parkeġġi fi Triq Mater Boni Consili. Is-Sa Spiteri Atkins qalet li d-daqs tal-kaxxi l-bojod mhuwiex tajjeb. Is-Sindku wieġeb li dawn ser jiġu rranġati.

Is-Sa Buttigieg staqsiet jekk il-parkeġġi jistgħux isiru bil-ħin, fejn is-Sindku qal li din il-ħaġa taħdem kontra r-residenti wkoll. Is-Sindku kompla billi qal li kien tkellem ma' Transport Malta sabiex tibda diskussjoni rigward 'residential parkings', biex wara s-7:00pm il-ħaddiema jitilqu u jkunu jistgħu jipparkjaw ir-residenti. Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat li 'residential parkings' ma għadhomx fis-seħħ u kompla jgħid li għandu laqgħa magħhom minħabba l-proġett u ser jerġa jsemmiha.

Is-Sa Deguara lmentat li huma mdawwrin bil-krejnijiet tal-kostruzzjoni u kullimkien mimli ħmieġ u trab. Is-Sa Spiteri Atkins qalet li ħafna drabi jagħlqu t-triq waħedhom għax la Pulizija u lanqas uffiċjali tal-LESA ma jkun hemm fit-triq. Is-Sindku qal li meta jgħaddi u jara lil xi ħadd, jibgħat lill-Pulizija u li f'każ bħal dan huma għandhom jirrapurtaw.

Is-Sa Spiteri Atkins qalet li hemm sprall quddiem il-pompa tal-petrol biex jiġi rranġat, għax qed jagħmel il-ħsejjes meta jgħaddu l-vetturi minn fuqu. Is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat lil Enemalta plc, lil Water Services Corporation u lil Go plc, però kollha qalu li dan l-isprall mhuwiex tagħhom. Is-Sindku żied jgħid li ser jgħid lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu l-lakstu taħtu. Is-Sa Spiteri Atkins qalet li t-tarmak ta' madwar l-isprall qed jisfronda. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jibgħat lill-Public Works Department biex jirranġawh huma.

Is-Sa Buttigieg ilmentat li ħafna nies jipparkjaw il-vetturi tagħhom quddiem il-garaxx u minħabba f'hekk kważi dan il-garaxx qatt ma jista jintuża. Is-Sindku qal li f'kwistjonijiet bħal dawn li ma jkunux f'idejn il-Kunsill Lokali, jiddispjaċieh li ħafna drabi r-residenti jitfgħu t-tort fuq il-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li għandhom jippruvaw ibiddlu l-mentalità tan-nies u jifhmu sa fejn għandu ċertu poteri l-Kunsill. Is-Sindku spiċċa billi qal li l-Kunsill Lokali flimkien mar-residenti għandhom jaħdmu kollettivament biex isemmgħu leħinhom.

Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd u sellem lil dawk preżenti.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Il-laqgħa ntemmet fis-18:32 hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 8 ta' April 2026